31999E0533

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL
tad-29 ta' Lulju 1999
dwar il-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-promozzjoni tad-dħul fis-seħħ kmieni tat-Trattat tal-Projbizzjoni tat-Test Nukleari Komprensiv (CTBT)

(1999/533/CFSP)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

BILLI r-Reżoluzzjonijiet 50/245 ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Settembru 1996 sejħet lill-Istati kollha biex jiffirmaw u wara jagħmlu parti mis-CTBT ma' l-ewwel opportunità;

WAQT LI JFAKKAR id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu XIV.2 tat-Trattat biex issir Konferenza, fuq talba tal-maġġoranza ta' l-Istati li ġew irratifikati, biex jiġi eżaminat sa fejn il-ħtieġa mniżżla fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ġiet milqugħa u biex jikkunsidra u jiddeċiedi b'kunsens liema miżuri koerenti mal-liġi internazzjonali jistgħu jittieħdu biex jiġi mgħaġġel il-proċess ta' ratifika biex jiġi ffaċilitat id-dħul fis-seħħ kmieni ta' dan it-Trattat,

ADOTTA L-POŻIZZJONI KOMUNI LI ĠEJJA:

Artikolu 1

L-għan tal-Pożizzjoni Komuni għandha tkun biex tagħti kontribut għad-dħul fis-seħħ kmieni tat-Trattat tal-Projbizzjoni tat-Test Nukleari Komprensiv (CTBT) bħala pass importanti għall-promozzjoni ta' proliferazzjoni u diżarmament nukleari li tikkontribwixxi għal kunfidenza, stabbiltà u paċi internazzjonali.

Artikolu 2

L-Unjoni Ewropea għandha b'mod partikolari tikkontribwixxi għal riżultati ta' suċċess ta' l-ewwel konferenza skond l-Artikolu XIV ta' CTBT, li suppost se jseħħ fi Vjenna f'Ottubru 1999, bil-għan li jiġi aċċellerat il-proċess ta' ratifika ta' CTBT biex jiġi ffaċilitat id-dħul fis-seħħ kmieni ta' l-CTBT.

B'dan l-iskop l-Unjoni Ewropea se tappoġġja:

(a) il-laqgħat tal-Konferenza fuq livell politiku;

(b) il-laqgħat ta' konferenzi sussegwenti kif stipulat fl-Artikolu XIV tas-CTBT sad-dħul fis-seħħ tas-CTBT;

(ċ) il-parteċipazzjoni miftuħa ta' l-Istati li rratifikaw jew iffirmaw is-CTBT kif ukoll Stati li għadhom ma ffirmax;

(d) il-preżenza ta' OMG fil-Konferenza;

(e) miżuri koerenti mal-liġi internazzjonali li jistgħu jittieħdu biex jiġi mgħaġġel il-proċess ta' ratifika biex jiġi ffaċilitat id-dħul fis-seħħ kmieni tas-CTBT;

(f) dikjarazzjoni konklużiva tal-Konferenza li tista' tagħti l-appoġġ politiku neċessarju għal sforzi biex jiġi mgħaġġel il-proċess ta' ratifika u d-dħul fis-seħħ kmieni tas-CTBT;

(g) l-identifikazzjoni ta' modi possibli biex jiġu mgħejjuna pajjiżi fil-proċess nazzjonali tagħhom ta' ratifika u implimentazzjoni, li jinkludi l-iskambju ta' informazzjoni fuq l-istabbiliment ta' awtoritajiet nazzjonali u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni.

Artikolu 3

L-Unjoni Ewropea għandha tkompli tappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni Preparatorja ta' l-Organizzazzjoni tas-CTBT biex jiġi stabbilit ir-reġim ta' verifikazzjoni tas-CTBT b'manjiera f'waqtha u effettiva u skond is-CTBT.

Artikolu 4

L-Unjoni Ewropea għandha tinkoraġġixxi lill-Istati kollha, li għadhom m'għamlux dan, biex jiffirmaw u jirratifikaw is-CTBT mingħajr dewmien, b'mod partikolari dawk l-Istati fil-lista ta' 44, li r-ratifika tagħhom hi neċessarja għad-dħul fis-seħħ tas-CTBT.

Artikolu 5

Il-Kunsill se jagħmel reviżjoni ta' l-implimentazzjoni ta' din il-Pożizzjoni Komuna bl-għan li jikkunsidra l-possibbiltà ta' aktar attivitajiet li għandhom jiġu segwiti biex jiġi ffaċilitat id-dħul fis-seħħ kmieni tas-CTBT.

Artikolu 6

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 7

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussell, fid-29 ta' Lulju 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

S. HASSI